



## Ġabra tal-ġurisprudenza

Kawża C-205/15

**Direcția Generală Regională a Finanțelor Publice Brașov**  
**vs**  
**Vasile Toma**  
**u**  
**Biroul Executorului Judecătoresc Horațiu-Vasile Cruduleci**

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Judecătoria Sibiu)

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea — Artikolu 47 — Dritt ta’ aċċess għal qorti — Prinċipju ta’ opportunitajiet ugwali għall-partijiet — Prinċipji ta’ ekwivalenza u ta’ effettività — Proċedura ta’ eżekuzzjoni forzata ta’ deċiżjoni ġudizzjarja li tordna r-rimbors ta’ taxxa mħallsa bi ksur tad-dritt tal-Unjoni — Eżenzjoni tal-awtoritajiet pubbliċi minn ċerti spejjeż tal-qorti — Ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja”

Sommarju – Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tat-30 ta’ Ġunju 2016

- Domandi preliminari — Ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja — Limiti — Talba għall-interpretazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni — Sitwazzjoni legali nazzjonali li għandha element ta’ rabta mad-dritt tal-Unjoni — Ġurisdizzjoni tal-qorti magħżula*  
*(Artikolu 267 TFUE; Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, Artikolu 51(1))*
  - Domandi preliminari — Ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja — Ħtieġa li d-domandi jiġu fformulati mill-ġdid*  
*(Artikolu 267 TFUE)*
  - Id-dritt tal-Unjoni Ewropea — Prinċipji — Dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva — Portata*  
*(Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, Artikolu 47)*
  - Id-dritt tal-Unjoni Ewropea — Prinċipji — Dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva — Stabbiliment mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea — Proċedura nazzjonali ta’ eżekuzzjoni forzata ta’ deċiżjoni ġudizzjarja li tordna r-rimbors ta’ taxxa mħallsa bi ksur tad-dritt tal-Unjoni — Leġislazzjoni nazzjonali li teżenta lill-persuni ġuridiċi rregolati mid-dritt pubbliku mill-ħlas ta’ ċerti spejjeż tal-qorti u li tissuġġetta għalihom lill-persuni privati biss — Ammissibbiltà*  
*(Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, Artikolu 47)*
- Ara t-test tad-deċiżjoni.

(ara l-punti 22-24, 27, 28)

2. Ara t-test tad-deċiżjoni.

(ara l-punt 30)

3. Ara t-test tad-deċiżjoni.

(ara l-punti 40-44, 47)

4. L-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea kif ukoll il-prinċipji ta' ekwivalenza u ta' effettività għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux leġiżlazzjoni nazzjonali li teżenta lill-persuni ġuridiċi rregolati mid-dritt pubbliku mill-ħlas tat-taxxi tal-boll ġudizzjarji meta jippreżentaw oppożizzjoni għall-eżekuzzjoni forzata ta' deċiżjoni ġudizzjarja li tirrigwarda r-rimbors tat-taxxi mħallsa bi ksur tad-dritt tal-Unjoni u jeżentaw lil dawn mill-obbligu li jiddepożitaw garanzija mal-introduzzjoni tat-talba għas-sospensjoni ta' tali proċedura ta' eżekuzzjoni forzata, filwaqt li t-talbiet ippreżentati minn persuni fiżiċi u ġuridiċi tad-dritt privat fil-kuntest ta' dawn il-proċeduri jibqgħu, fil-prinċipju, suġġetti għal tali spejjeż ġudizzjarji.

F'dan ir-rigward, fl-ewwel lok, l-ispejjeż ġudizzjarji jikkontribwixxu, fil-prinċipju, għall-funzjonament tajjeb tas-sistema ġudizzjarja, sa fejn tali spejjeż ikunu jikkostitwixxu sors ta' finanzjament tal-attività ġudizzjarja tal-Istati Membri. L-eżenzjoni mit-taxxa tal-boll ġudizzjarju, stabbilita minn tali leġiżlazzjoni nazzjonali, li jibbenefikaw minnha l-persuni ġuridiċi rregolati mid-dritt pubbliku, ma toħloq, minnha nnifisha, vantaġġ proċedurali lil dawn il-persuni ġuridiċi, peress li l-ħlas ta' dan il-boll minn tali persuni huwa imputat fuq il-baġit nazzjonali kkonsolidat, li jiffinanzja wkoll is-servizzi pprovduti mill-qrati.

Fit-tieni lok, fir-rigward tal-eżenzjoni mill-ħlas ta' garanzija meħtieġa mal-preżentata ta' talba għal sospensjoni ta' tali proċedura ta' eżekuzzjoni forzata li jibbenefikaw minnha l-persuni ġuridiċi rregolati mid-dritt pubbliku, l-Istati Membri huma marbuta, abbażi tad-dritt tal-Unjoni, li jirrimborsaw bl-interessi t-taxxi miġbura bi ksur tad-dritt tal-Unjoni. B'hekk, ma jistax jiġi ammess li Stat Membru jkun jista' jinvoka insuffiċjenza fil-fondi biex jiġġustifika impossibbiltà li jeżegwixxi deċiżjoni ġudizzjarja li tirrikonoxxi lil individwu d-dritt għar-rimbors flimkien mal-interessi ta' taxxi miġbura bi ksur tad-dritt tal-Unjoni. B'hekk, ir-riskju kopert minn din il-garanzija ma' jistax iseħħ fi proċedura li fiha l-konvenuta tkun persuna ġuridika rregolata mid-dritt pubbliku.

Għaldaqstant, tali leġiżlazzjoni ma tpoġġix lill-persuni fiżiċi u ġuridiċi rregolati mid-dritt privat f'sitwazzjoni ta' żvantaġġ ċar meta mqabbla mal-avversarji tagħhom, il-persuni ġuridiċi rregolati mid-dritt pubbliku, u b'hekk ma tpoġġix indiskussjoni l-karattru ta' smiġħ xieraq ta' din il-proċedura.

(ara l-punti 49-53, 54, 59 u d-dispożittiv)